MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-2 ta' April, 2004

Rikors Numru. 836/2002

**Lawrence u Carmen Cumbo.**

**-vs-**

**Francis Degiorgio.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-konjugi Cumbo pprezentat fid-19 ta' Lulju, 2002 li permezz tieghu esponew bir-rispett:

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Ottubru 1993 fl-ismijiet ***"Lawrence u Carmen Cumbo vs Francis Degiorgio"***, Citazzjoni Nru:

562/93 GMA, kopja hawn annessa u mmarkata Dok “A”, l-intimat gie ordna sabiex jizgombra mill-fond ossija garage bla numru bla isem f’ St. Anthony Str, Fgura u dana fi zmien tlett xhur mis-sentenza kif ukoll l-ispejjez gudizzjarji (Dok “B”).

Illi minkejja li ghaddew aktar minn hames snin mid-data tas-sentenza fuq imsemmija, l-intimat baqa’ qatt ma vvaka tali fond, minkejja diversi tentattivi ta’ transazzjoni bejn il-partijiet li qatt ma wasslu soluzzjoni.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzahom illi jipprocedu sabiex jezegwixxu s-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-21 t’ Ottubru, 1993, nonostante illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data tal-imsemmija sentenza.

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Degiorgio pprezentata fl-20 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha ecepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti sabiex is-sentenza citata minnhom tigi reza ezekuttiva ghanhom jigu michuda bl-ispejjez ghas-segwenti ragunijiet:-

Illi l-kontendenti kienu originarjament ffirmaw konvenju sabiex l-esponenti jixtru garage minghand l-intimati u dan fit-23 ta’ Dicembru 1989 (Dok A).  Il-pussess tal-garage ghadda ghand l-esponenti.  Sussegwentement ir-rikorrenti ppresentaw citazzjoni fl-ismijiet premessi sabiex l-esponenti jigu kkundannati jizgumbraw mill-garage minhabba nuqqas ta’ pagament.  L-esponenti baqghat kontumaci f’ dawk il-proceduri u giet ottjenuta sentenza li qed tintalab li tigi reza ezekuttiva.

Illi pero’ wara li inghatat is-sentenza citata regghet saret skrittura ohra fis-26 ta’ Dicembru 1997 (Dok B) fejn il-konvenju originali

rega' gie mgedded bil-patt illi l-kuntratt ta' bejgh isehh meta jithallas il-prezz kollu. Evidenza ta' dan il-ftehim gdid huwa anke l-fatt illi r-rikorrenti qatt ma' pprocedew ghall-izgumbrament ta' l-esponenti sa' wara li ghalqu l-hames snin mid-data tas-sentenza.

Illi l-esponenti hallset dak kollu dovut fuq il-garage u issa qieghda tipprocedi sabiex tinforza d-drittijiet taghha emanenti mill-istess konvenju u isir il-kuntratt finali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' dicembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi r-rikorrenti qed jitolbu awtorizzazzjoni ta' esekuzzjoni ta' sentenza moghtija fil-21 t' Ottubru, 1993 li permezz taghha l-intimat kien gie ordnat jizgombra mill-fond imsemmi. L-intimat qed jeccepixxi illi t-talba ghandha tigi respinta ghaliex fis-26 ta' Dicembru 1997 il-partijiet kienu geddew konvenju illi kienu ghamlu fl-1989 fir-rigward tal-istess fond. Gew esebiti kopji tal-iskritturi imsemmija u cioe' tal-konvenju u dik tal-1997.

Jidher li l-partijiet kienu effettivament ikkontrattaw konvenju ghall-bejgh tal-fond in kwistjoni izda ghal xi raguni il-kuntratt finali ma sarx. Ghalhekk ir-rikorrenti pprocedew ghall-izgumbrament u il-Qorti laqghet it-talba taghhom permezz tas-sentenza imsemmija.

Fl-1997 saret skrittura ohra illi fiha l-intimati obligaw ruhhom li jhallsu pagamenti rateali *a saldu ta' dejn illi jezisti bhalissa bejn il-partijiet skond skritturi esistenti.* Evidentement il-partijiet kienu qed jirreferu ghall-bilanc li kellhu jithallas skond il-konvenju. Fl-ahharnett il-partijiet ftehmu illi:

***"... sabiex tissalvagwardja l-interessi taghha is-Sinjura Cumbo tirriserva illi f' kaz li ma' jsehhx wiehed***

***mill-pagamenti kif fuq indikat, hija terga tiehu pussess tal-garage fuq imsemmi".***

Ghalkemm imkien ma' jghidu dan, l-intimati qed donnhom jeccepixxu n-novazzjoni. Skond l-Artiklu 1179 tal-Kapitolu 16 in novazzjoni issir meta jinbidel id-dejn, il-kreditur jew id-debitur. Ma hemmx dubbju li l-ahhar zewg possibilitajiet ma jesistux fil-kaz in ezami u l-unika possibilita' hija li tbiddel id-dejn. Biss l-artiklu imsemmi jaghmilha cara li meta ssir in-novazzjoni, id-dejn il-qadim jispicca ghal kollox. F' dan il-kaz il-partijiet ma' ghamlu ebda riferenza ghas-sentenza imsemmija u fuq kollox ghamluha cara li l-flus dovuti skond l-iskrittura precedenti jibqghu dovuti. Kwindi l-iskrittura tal-1997 kienet biess konsolidament ta' dik precedenti. Imkien ma' issemma li l-effetti tas-sentenza kellhom jigu mitmuma.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------